**26 ta' April, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Mizzi u Brian Mizzi (jew Gordon Mizzi) in rappresentanza ta' *Lapsi Estates Ltd.*

versus

Dominic Cutajar

**Appell – Digriet – Digriet Interlokutorju – Appell minn Digriet Interlokutorju – Digriet ta' Kjamata fil-Kawża**

*Appell minn digriet interlokutorju li ordna kjamata fil-kawża.*

*Il-Kodiċi tal-Proċedura jipprovdi kif id-digrieti interlokutorji għandhom jingħataw u jiġu rreġistrati. Jipprovdi wkoll illi d-disposizzjonijiet tal-liġi kwantu għas-sentenzi fl-artikolu 218 għandu japplika wkoll għad-digrieti.*

*Id-digriet relattiv ta' kjamata fil-kawża huwa inkluż fost il-veri digrieti interlokutorji strictu senso kkontemplati fl-artikoli 221 u 229 tal-Kodiċi ta' Proċedura. Fid-digriet għalhekk għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha u għandu jkun hemm fih ukoll dik il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha li hija bizżejjed biex id-digriet ikun jiftiehem.*

*Il-Qorti sabet illi minn eżami tad-digriet ma kien jirriżulta xejn minn dan u għalhekk annullat id-digriet.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-atturi *nomine,* wara li ppremettew illi l-awturi tas-soċjetà kienu krew lill-konvenut l-erba' barrieri u l-blat ta' bejniethom, għall-qtugħ tal-blat, f'Wied il-Magħlaq, f'Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi, għal żmien sittax-il sena li bdew jiddekorru fil-15 ta' Awissu, 1956, illi s-soċjetà kienet xtrat l-imsemmi territorju għal ħabta tas-sena 1967; illi meta spiċċa t-

terminu miftiehem il-konvenut baqa' jokkupa l-fond mingħajr titolu u baqa' jaqta' l-blat u jbigħu, u hekk għadha s-sitwazzjoni; u illi waqt il-lokazzjoni u fi żmien l-okkupazzjoni l-konvenut ma qatax biss il-blat fil-barrieri u ta' bejniethom kif kien intitolat, imma qata' wkoll blat **madwar** l-istess barrieri – talbu li l-konvenut jgħid għaliex il-Qorti m'għandhiex tillikwida d-danni li sofriet is-soċjetà attriċi meta (a) il-konvenut qata' blat aktar milli kien imissu u skond il-lokazzjoni li kellhom u (b) id-danni sofferti għall-okkupazzjoni indebita u qtugħ u bejgħ tal-blat minn mindu spiċċat il-lokazzjoni sal-ġurnata ta' rilaxx effettiv mill-konvenut, u (ċ) tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammonti kif likwidati, – bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontra l-konvenut tat-18 ta' Mejju, 1979;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa li l-konvenut jistenna l-prova li l-attur f'din il-kawża verament għandu r-rappresentanza ġuridika tad-ditta *Lapsi Estates Limited* u dana in vista ta' dak li ngħad fid-dikjarazzjoni annessa; li fil-mertu m'huwiex veru li l-konvenut qata' blat aktar milli kien intitolat, però jekk sar xi qtugħ kif qed jallega l-attur u jekk xi kumpens hu dovut, dan irid jiġi kkalkolat skond iż-żmien li nqata', – salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-3 ta' Diċembru, 1979, li biha ordnat li ssir il-korrezzjoni kif mitluba billi jiżdiedu l-kliem "Gordon Mizzi" wara l-kliem "Albert Mizzi" fl-att taċ-ċitazzjoni u kull fejn hu opportun, – l-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu mill-atturi *nomine* peress li n-nuqqas oriġinali tagħhom kien ipprovoka l-ħtieġa ta' dik id-deċiżjoni;

Rat ir-rikors ta' l-atturi *nomine* ppreżentat fl-10 ta' Novembru, 1982 (fol. 63) li bih, wara li ppremettew li (1) f'din

il-kawża *jirriżulta li hemm Domenico Cutajar*, bin *il-mejjet* Domenico, u Domenico Cutajar, bin il-ħaj Domenico, imsemmi qabel (2) jirriżulta wkoll *illi f'xi mument* Domenico Cutajar il-missier daħħal lil ibnu Domenico Cutajar fin-negozju tal-qtugħ tal-blat mill-art ta' l-atturi (3) jirriżulta mbagħad li f'xi mument ġie mdaħħal *ukoll* ħaddieħor u ċjoè Vincenzo Muscat illum mejjet (4) li mingħajr preġudizzju għat-teżi ta' l-atturi *nomine* li huma jirrikonoxxu biss lil Domenico Cutajar, il-missier, bħala *l-inkwilin passat tagħhom*, kif hemm diġà fil-provi u li jistgħu jkomplu jippruvaw għaliex l-atti tagħhom ġew kollha diretti kontra tiegħu u li l-ekwivoku inqala' biss minħabba l-*indirizz supplit minnu lilhom* li issa rriżulta li huwa ta' ibnu – fi kwalunkwe każ kull min kellu x'jaqsam man-negozju tal-qtugħ tal-blat fl-art ta' l-atturi huwa responsabbli għad-danni li huma *sofrew* (5) u *li Dominic* Cutajar il-missier qed jgħid li ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni, – talbu li dik il-Qorti jogħġobha ssejjaħ fil-kawża lil (a) Domenico Cutajar bin il-mejjet Domenico, 8/1, Għar il-Lembi Street, Sliema (b) *Anthony, Joseph u Carmelo sive* Charles aħwa Muscat biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' missierhom Vincenzo Muscat, Tal-Virtù, Rabat;

Rat ir-risposta tal-konvenut ippreżentata fil-25 ta' Novembru, *1982*;

Rat id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ *fil-11 ta'* April, *1986* li bih iddisponiet mir-rikors ta' Dr. G. Mifsud Bonnici ta' l-10 ta' Novembru, 1982, billi laqgħet it-talba għall-kjamata in kawża tal-persuni indikati u ddifferiet il-*kawża* għat-30 ta' Mejju, 1986, għan-notfika ta' l-istess kjamata in kawża;

Rat ir-rikors ta' l-appell *ta'* Domenic Cutajar ippreżentat

fl-14 ta' April, 1986, li bih għar-raġunijiet hemm indikati talab li din il-Qorti tannulla d-digriet fuq imsemmi tal-11 ta' April, 1986 jew alternattivament tirrevokah billi prevja l-akkoljiment ta' l-opposizzjoni tiegħu, tiċħad it-talba tar-rikors ta' l-atturi ta' l-10 ta' Novembru, 1982, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi *nomine* ppreżentata fit-23 ta' April, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell Dominic Cutajar qiegħed jissottometti li d-digriet appellat huwa null billi tonqos fih kull motivazzjoni. Qiegħed jissottometti wkoll il-karenza ġuridika billi bir-rikors fuq imsemmi ta' l-10 ta' Novembru, 1982 intalbet mill-atturi l-kjamata in kawża ta' Dominic Cutajar *senior* li għalihom kien il-konvenut reali kif ukoll il-kjamata in kawża ta' Anthony, Joseph u Carmelo Muscat "biex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' missierhom" kienet ġuridikament impossibbli. Min-naħa tagħhom l-atturi *nomine,* skond il-verbal tas-7 ta' Diċembru, 1987, qegħdin jissottomettu li qabel xejn il-parti l-oħra trid tispeċifika għan-nom ta' min l-appell preżenti qiegħed isir;

Minn eżami tal-proċess jidher li ġie mħarrek Dominic Cutajaar li joqgħod *Celandine, New Stree off Tower Street,* Msida. Jirriżulta li l-atturi *nomine* ppretendew li huma riedu

jħarrku lil missier l-istess Dominic Cutajar, *li għandu l-istess isem*, iżda rriżulta wkoll li l-*missier Dominic Cutajar qatt ma* kien jgħix fl-imsemmi indirizz billi kien u għadu *jirrisjedi* tas-Sliema. Il-bniedem li rċieva ċ-ċitazzjoni kien it-tifel Dominic Cutajar u kwindi l-atti kollha (kompriż ir-rikors ta' l-appell) li ġew ippreżentati f'isem Dominic Cutajar, għandhom jiftehmu f'isem it-tifel Dominic Cutajar. Il-missier Dominic Cutajar ma kienx fil-kawża u konferma ta' dan wieħed isibha fl-istess rikors ta' l-atturi *nomine* fejn qiegħda tintalab il-kjamata in kawża tiegħu;

Ikkunsidrat:

L-art. 221(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jiddisponi li "bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 173, (li jirringwarda ordnijiet *in camera*) id-digrieti interlokutorji għandhom jingħataw u jiġu rreġistrati kif imsemmi fl-artikolu ta' qabel ta' dan it-Titolu"; u l-artikolu 221(2) jiddisponi li "d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 218 jgħoddu għad-digrieti hawn fuq imsemmija, meta jista' jsir appell minnhom skond l-artikolu 229";

Id-digriet relattiv għall-kjamata fil-kawża huwa inkluż *fost* il-veri digrieti interlokutorji *stricto sensu* kkontemplati fl-artikolu 221 (ġà 219) u 229 (ġà 227) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (App. Giuseppe Dalli *et vs* Michael Attard, 24-3-1961, Koll. Dec. Vol. XLV.I.51, 55). Kwindi dawn id-digrieti għandhom jikkontjenu dak li l-liġi tippreskrivi kwantu għas-sentenzi fl-artikolu 218. Għalhekk fid-digriet għall-kjamata fil-kawża għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fih ukoll dik il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha

li hija biżżejjed biex id-digriet ikun jiftiehem;

Issa minn eżami tad-digrieti appellat jirriżulta *ictu occuli* li ma għandu fih xejn minn dan kollu. Fid-digriet appellat jingħad biss li l-Qorti qiegħda tiddisponi *mir-rikors ta'* l-10 *ta'* Novembru, 1982 billi tilqa' t-talba għall-kjamata in kawża tal-persuni indikati. Ir-raġunijiet li fuqhom l-ewwel Qorti bbażat din id-deċiżjoni tagħha ma humiex indikati bl-ebda mod. Lanqas hemm fid-digriet xi parti tat-talba u tat-tweġiba biex id-digriet ikun *jista' jiftiehem*;

Ma hemmx dubju li digriet interlokutorju, bħal ma huwa digriet ta' kjamata fil-kawża huwa att ġudizzjarju (App. Bonnici *vs* Laferla *noe* 24-3-1930, Kollez. Dec. Vol. XXVII.I.465, 470). Kif ingħad fuq, id-digriet appellat (art. 789(d), Kap. 12);

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra ta' l-appell;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara d-digriet appellat irritu u null u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kwantu għal nofs mill-atturi *nomine* u kwantu għan-nofs l-ieħor mill-konvenut in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ.